V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifikata minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8685 — Foncière des Régions/Marriott International/Le Méridien Hotel f'Nizza)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 393/06)

1. Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Foncière des Régions ("FDR", Franza),

— Starwood Hotels & Resorts Worldwide, LLC ("Starwood", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Le Méridien Hotel f'Nizza ("Le Méridien Nice", Franza).

FDR takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll uniku ta' Lehwood Nice SAS li hija s-sid tal-assi ta' Le Méridien Nice.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

Billi takkwista l-kontroll uniku ta' Lehwood, FDR se takkwista wkoll indirettament il-kontroll konġunt ta' Le Méridien Nice flimkien ma' Starwood, affiljata ta' Marriott International, Inc., li tiġġestixxi indirettament lil Le Méridien Nice fuq il-bażi ta' ftehim ta' ġestjoni.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal FDR: grupp Franċiż ta' investiment tal-proprjetà immobbli li l-portafoll tal-assi kummerċjali tiegħu jikkonsistit prinċipalment f'uffiċċji kif ukoll f'assi residenzjali u lukandi.

— għal Starwood: sussidjarja li totalment proprjetà ta' Marriott. Marriott hija kumpanija tal-ospitalità diversifikata li taġixxi bħala maniġer u franchisor ta' lukandi u proprjetajiet tat-timeshare. Mit-tmiem is-sena 2016, Marriott ħaddmet u kellha franchise ta' xi 6 080 proprjetà madwar id-dinja.

— għal Le Méridien Nice: lukanda b'erba' stilel li tinsab f'Nizza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8685 — Foncière des Régions/Marriott International/Le Méridien Hotel f'Nizza

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË